## MINUTI

## KAMRA TAD-DEPUTATI

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

## KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI

## LAQGĦA NRU 27

### It-Tnejn, 14 ta' April 2025

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-4.46 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Janice Chetcuti*, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Davina Sammut Hili**, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

*Sostitut tal-Onor. Rebekah Borg
**Sostitut tal-Onor. Andy Ellul

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa 26, li saret nhar it-Tnejn, 7 ta' April 2025, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DOTT ADRIAN SCIBERRAS GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-INDONEŻJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, li fiha kien hemm 19-il nomina għal Ambaxxaturi mhux residenti. Skont ftehim li ntlaħaq fil-laqgħa Nru 25 li saret fl-1 ta' April 2025, dawn in-nomini kienu se jitqassmu fuq numru ta' laqgħat u l-Kumitat kien ser jeżamina kull nomina individwalment.

Il-Kumitat kellu quddiemu n-nomina ta' Dott Adrian Sciberras għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Indoneżja.

Il-Kumitat stieden lil Dott. Adrian Sciberras sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dott Adrian Sciberras bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-4.48 p.m. Dott Adrian Sciberras daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dott Adrian Sciberras li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dott Sciberras ta rendikont tal-karriera tiegħu, l-ewwel bħala Accountant, imbagħad bħala Avukat, u kif l-aħħar kors li għamel mal-Akkademja tal-Istudji Diplomatiċi (MEDAC) għenu sabiex jipprepara ruħu għall-pass li jmiss, jekk kemm-il darba jiġi approvat għal din il-kariga. Hu semma wkoll li għalkemm Malta m'għandhiex ħafna rabtiet mal-Indoneżja, tagħti lok għal sfidi pożittivi.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni..

Il-President tal-Kumitat irringrazzja u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-4.58 p.m. Dott Adrian Sciberras irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dott Adrian Sciberras għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Indoneżja. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-4.59 p.m. il-Kumitat stieden Dott Adrian Sciberras jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dott Adrian Sciberras daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Indoneżja kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fil-5.00 p.m. Dott Adrian Sciberras irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DOTT JEFFREY PULLICINO ORLANDO GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-IRWANDA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina ta' Dott Jeffrey Pullicino Orlando għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Irwanda.

Il-Kumitat stieden lil Dott Jeffrey Pullicino Orlando sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dott Jeffrey Pullicino Orlando kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-5.01 p.m., Dott Jeffrey Pullicino Orlando daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dott Jeffrey Pullicino Orlando li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dott Pullicino Orlando ta rendikont tal-karriera tiegħu, preżentement bħala direttur tal-kENUP Foundation fejn fost oħrajn, jieħu ħsieb l-ekwità farmaċewtika. Huwa direttur ukoll tal-Kunsill tal-Ħiliet

Nazzjonali, apparti l-karriera tiegħu bħala dentist. Hu ta wkoll rendikont tas-sitwazzjoni ġewwa l-Irwanda u kif bi ħsiebu jtejjeb ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni estensiva fuq dawn il-mistoqsijiet.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dott Jeffrey Pullicino Orlando u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.14 p.m. Dott Jeffrey Pullicino Orlando irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dott Jeffrey Pullicino Orlando għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Irwanda. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.15 p.m. il-Kumitat stieden lil Dott Jeffrey Pullicino Orlando jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dott Jeffrey Pullicino Orlando daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Irwanda kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fil-5.16 p.m., Dott Jeffrey Pullicino Orlando rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' PROF DOTT GLEN FARRUGIA GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-ISVIZZERA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina ta' Prof Dott Glen Farrugia għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Isvizzera.

Il-Kumitat stieden lil Prof Dott Glen Farrugia sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Prof Dott Farrugia kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil- 5.18 p.m. Prof Dott Glen Farrugia daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Prof Dott Glen Farrugia ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala akkademiku fl-arkeoloġija u l-antropoloġija u b'esperjenza fl-Istitut tal-istudji turistiċi. Hu spjega kif il-pass li jmiss kien li jimxi għal edukazzjoni għola fejn qed jokkupa l-kariga ta' dekan eżekuttiv ta' istituzzjoni ta' edukazzjoni għola privata.

Prof Dott Farrugia tkellem ukoll fuq l-importanza ta' soft diplomacy bejn Malta u l-Isvizzera fejn, għalkemm ma hemmx kwistjonijiet, importanti li nibnu fuq dak li hemm komuni bejn iż-żewġ pajjiżi u nimxu 'lil hinn mill-*istatus quo*. Hu tkellem ukoll fuq l-importanza tal-edukazzjoni, speċjalment fil-qasam tad-diplomazija, u semma programmi bħal dak il-MEDAC, kif ukoll tad-DiploFoundation.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Prof Dott Glen Farrugia u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.33 p.m. Prof Dott Glen Farrugia rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tal- Prof Dott Glen Farrugia għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Isvizzera. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.34 p.m. il-Kumitat stieden lil Prof Dott Glen Farrugia jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Prof Dott Glen Farrugia daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Iżvizzera kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fil-5.36 p.m. Prof Dott Glen Farrugia rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR MARC VELLA BONNICI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-IŻLANDA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina tas-Sur Marc Vella Bonnici għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti għall-Iżlanda.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Marc Vella Bonnici sabiex tidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sur Marc Vella Bonnici kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-5:38 p.m., is-Sur Marc Vella Bonnici daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Sur Marc Vella Bonnici ta rendikont estensiv tal-karriera tiegħu bħala impjegat fiċ-Ċivil bħala konsulent u bħala impjegat ma' numru ta' Ministeri f'diversi oqsma u l-passjoni tiegħu għall-politika internazzjonali. Hu semma wkoll li kien is-Segretarju Internazzjonali tal-partit Laburista, kif ukoll viċi Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar. Hu semma wkoll x'qed jippjana sabiex ikompli jibni fuq dak li diġà bena l-ambaxxatur ta' qablu, kif ukoll jesplora niċeċ ġodda fosthom dawk il-films, u l-mużika.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Vella Bonnici u ntalab jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha.

Fis-5.45 p.m. is-Sur Marc Vella Bonnici rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Marc Vella Bonnici għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti għall-Iżlanda. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fis-5.47 p.m. il-Kumitat stieden lil Sur Marc Vella Bonnici jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Sur Marc Vella Bonnici daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tagħha għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti għall-Iżlanda kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fis-5.47 p.m. Sur Marc Vella Bonnici rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SA ANTONELLA GATT GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI GĦAL EL SALVADOR**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina tas-Sa Antonella Gatt għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal El Salvador.

Il-Kumitat stieden lis-Sa Antonella Gatt sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sa Antonella Gatt kienet bagħtet lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-5.48 p.m. is-Sa Antonella Gatt daħlet fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sa Antonella Gatt tat rendikont tal-karriera tagħha fiċ-Ċivil, f'diversi karigi fosthom fis-segretarjat tal-UE, posting Dar Malta ġewwa Brussell fejn kellha rwol ukoll fil-presidenza tal-Kunsill fl-2017, karigi ta' direttur u direttur ġenerali f'bosta ministeri.

Is-Sa Gatt tat ukoll sommarju ta' kif tista' tibda l-konnessjonijiet mal-El Salvador, u tesplora niċeċ ta' potenzjal fosthom it-Turiżmu, u kif nistgħu nibdew forma ta' sustainable tourism, u x'nistgħu nitgħallmu mill-El Salvador wara l-pandemija tal-COVID-19.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni qasira.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sa Antonella Gatt u talabha tirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha.

Fil-5.56 p.m. is-Sa Gatt irtirat mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sa Antonella Gatt għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal El Salvador. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.57 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sa Antonella Gatt tidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sa Antonella Gatt daħlet fil-kamra tal-Kumitat u ġiet informata li n-nomina tagħha għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal El Salvador kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fil-5.58 p.m. is-Sa Antonella Gatt irringrazzjat lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

Fis-6.00 p.m.il-Kumitat ikkonkluda u aġġorna għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**